# KNEJJES FIL-PARROĊĊA TAN-NAXXAR LI, FL-1575 KIENU DDEDIKATI LIL MARIJA ASSUNTA

**Mill-Viżta Appostolika ta' Dusina**

Dwar il-Viżta Appostolika Ta' Mons. Pietro Dusina fin-Naxxar diġa' ktibt fil-*Programmi tal-Festa* għas-snin 1997 u 1998. Imma din il-viżta tant kienet importanti għall-istorja tal-Knisja f'Malta b'mod li dwar in-Naxxar issib ħafna x'tgħid. Irridu niftakru li n-Naxxar ta iżjed minn 400 sena kien wieħed mill-akbar irħula ta' Malta. In-Naxxar kien jiġbor fih dak kollu li llum jinsab fil-parroċċi ta' Ħal Għargħur u tal-Mosta, u parti minn dak li hu fil-parroċċi ta' San Pawl il-Baħar u Burmarrad. Fl-1997, ħarisna lejn il-knisja parrokkjali nnifisha (1). Fl-1998, rajna dwar Dun Ġiljan Borg, i-Kappillan tan-Naxxar ta' dak iż-żmien (2).

Billi n-Naxxar kien parroċċa importanti fil-kampanja Maltija, ħafna kienu l-knejjes ċkejknin li nsibu fih, kemm fiċ-ċentru kif ukoll fil-kampanja tiegħu. Ħafna kienu dawk li ġew iddedikati lill-Madonna. Imma t-titlu l-iżjed popolari kien dak ta' Marija Assunta. Għalhekk , ħsibt li nikteb dwar dawn biss. Waqt li f'Malta kien hawn iżjed minn 200 knisja bit-titlu ta' l-Assunta, fil-limiti tal-parroċċa tan-Naxxar kien hemm sebgħa. Dwar dawn, sejjer nagħti ħjiel ta' storja b'rabta mas-sena 1575.

**Ta' Bernarda**

Fiż-żona ta' Ħal Għargħur, fi triq li tagħti lejn Birkirkara, fis-seklu ħmistax, inbniet knisja li ddedikawha lill-Assunta. Damjan Cauchi kellu f'idejh xi dwieli li kienu mħollija lil dik il-knisja. Minħabba f'hekk, hu kien obbligat li, għall-Assunta, jieħu ħsieb li jiġi reċitat l-għasar u titqaddes quddiesa. Fil-knisja, kien hemm lampier wieħed, u kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt. Imma l-knisja kienet mitluqa. Għalhekk, il-benefiċjarju ġie obbligat jieħu ħsieb li jsir bieb ġdid u jirranġa kulma kien fi stat ħażin f'dik il-knisja (3).

Il-knisja ssejħet *Ta' Bernarda* għaliex proprju erba' snin qabel il-viżta appostolika ta' Dusina, Bernarda Cauchi, b'kuntratt quddiem in-Nutar Anġlu Mamo, fl-1571, ħalliet bħala renti għal din il-knisja d-dwieli li semmejna (4).

**Taż-Żellieqa**

Tfajla, li Dusina nnifsu jikteb li fi żmien kienet għadha ħajja, irrakkuntat li dehritilha l-Madonna u fejqitha mill-marda li kellha. Id-dehra kienet f'xaqliba fil-lvant ta' Ħal Għargħur, f'niżla li tagħti għal Wied iż-Żellieqa. Fuq il-post dehret il-madonna lejn l-1560, inbniet knisja li kienet fit-territorju tal-parroċċa tan-Naxxar. Minn dak il-wied, il-knisja ħadet isimha. Kienet knisja devota. Imma, fl-1575, ma kellha l-ebda benefiċċju marbut magħha. minkejja dan, minħabba r-rakkont tat-tfajla li kien ta' min jorbot fuqu, qamet devozzjoni lejn il-knisja. Għalhekk, kien jitqaddes xi quddies.

Il-knisja kien fiha tliet altari u anki bibien ta' l-għuda biex tissakkar. Imma kienet nieqsa minn bżonnijiet oħrajn. F'dak iż-żmien, kienu jsiru xi pellegrinaġġi lejn din il-knisja (5).

**Tax-Xagħra**

Fil-parti abitata tan-Naxxar ta' dak iż-żmien, Dusina sab knisja f'ġieħ l-Assunta li kienet inbniet fil-bidu ta' dak is-seklu sittax. Kienu jsejħulha *Tax-Xagħra.* Kellha altar wieħed biss u paviment mill-ġebla Maltija. Imma kienet nieqsa minn kollox, u ma kellhiex lanqas rettur li jieħu ħsiebha. Nhar il-festa biss il-Kappillan Dub Giljan Borg kien imur iqaddes quddiesa b'sens ta' devozzjoni, imma mingħajr ebda obbligu. Dusina ordna li lill-knisja jaħsbulha għal bieb ta' l-għuda. Jekk dan ma jsirx, ma kellux jibqa' jitqaddes quddies fiha. Il-quddiesa, jekk ma jirranġawx il-knisja, kellha tibda tiġi ċċelebrata fil-knisja parrokkjali (6).

**Il-Knisja "Parrokkjali" Ta' Santa Marija**

Lil knisja fix-xaqliba tal-Mosta, Dusina jagħtiha titlu kurjuż. Sejħilha "knisja parrokkjali". Hi l-knisja li kellha tistenna sa l-1608 biex tiġi mgħollija għall-ġieħ ta' parroċċa. Kienet titqies imbiegħda min-Naxxar, speċjalment minħabba t-toroq imħarbtin li kienu jifirdu minn xulxin in-Naxxar u l-Mosta. Dun Ġiljan Borg, il-Kappillan tan-Naxxar, bl-ebda mod ma ried li dik il-knisja tieqaf milli tkun taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu (7). Hu kien se jopponi għall-erezzjoni tagħha bħala parroċċa. Dak il-Kappillan żgur li qarras wiċċu quddiem il-fatt li sejħulha "Parrokkjali". Għall-ebda knisja tan-Naxxar, minbarra l-parroċċa tal-bambina, ma jingħad li kellha xi nsara li kienu jiddependu minnha. Imma, għal din, jingħad li kien hemm 116-il familja li tqiesu

ikompli f'paġna 39

ikompli minn paġna 37

marbutin magħha għall-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Kienet qisha il-*Viċi Parroċċa* tan-Naxxar. Fil-fatt, waqt li dan it-titlu ma ngħatalhiex, ġiet mogħtija titlu aqwa meta ssejħet "parrokkjali".

Madankollu, din il-knisja li, mad-daqqa ta'għajn, dehret importanti, kienet mingħajr ebda renti. In-nies, minn jeddhom, kienu joffru xi frott ta l-għelieqi lil dak li jkun ir-rettur tagħha. Imma dan ħoloq l-inkwiet. Lill-kappillan tan-Naxxar, kien jidhirlu li hu kellu d-dritt li jingħata f'idejh id-dħul kollu li jiġi offert lil din il-knisja għaliex kienet taħt il-ġurisdizzjonitiegħu. Minkejja din l-importanza, ma nstabx rettur lanqas għal din il-knisja. Ir-raġuni l-għaliex tiftihem għax rettur fiha, minħabba ċ-ċirkustanzi msemmija, sata' ma jkollux biex jgħix. Il-piż waħdieni li kien hemm fuqha kien li ssir quddiesa nhar Santa Marija. Meta, għal dawn il-knejjes tissemma quddiesa, nifhmu dejjem għal waħda sempliċi mingħajr ebda kant.

Din ta' Santa Marija tal-Mosta kienet knisja spazjuża. Xi lajċi kienu jieħdu ħsiebha u, għalhekk, kienet fi stat li jixirqilha tissejjaħ "knisja". Għalkemm kellha altari fil-ġnub wkoll, fuqhom ma sata' jsir l-ebda quddies għaliex kienu żgħar wisq. Il-quddiesa ma kenitx tiġi ċċelebrata ħlief fuq l-altar ċentrali.

## Tal-Magħtab

Il-Viżitatur żar knisja oħra msemmija għal Santa Marija fil-limiti tan-Naxxar. Jidher li qed jingħad għal dik li qiegħda fix-xaqliba msejħa l-*Magħtab.* kellha altar wieħed u bieb tajjeb biex tinżamm imsakkra. Imma kienet bla rettur, bla piżijiet, u nieqsa mill-ornamenti kollha. Fil-knisja, kultant, kienet issir xi quddiesa għaliex in-nies kienu jfittxuha, u kien hemm devozzjoni lejn il-kwadru titulari tagħha. Dusina jqisha bħala waħda mill-knejjes devoti. Din, fl-imgħoddi, kienet titqies bħala wieħed mis-Santwarji tal-Madonna (9).

## Knisja fi Stat ta' Abbandun

Is-seba' knisja ddedikata għall-Assunta kienet fil-limiti tal-Mosta, għalkemm kienet taqa' taħt il-parroċċa tan-Naxxar. Kienet knisja mitluqa għal kollox. Kellha altar wieħed u kienet tingħalaq tajjeb. Imma ħadd ma kien jieħu ħsiebha. Hi ma kellhiex renti, u għalhekk lanqas piżijiet. Kienet nieqsa mill-bżonnijiet kollha. Nieħdu l-impressjoni li din qatt ma kienet tinfetaħ. Fiha qatt ma kien jitqaddes quddies (10).

Id-deskrizzjoni ta' dawn il-knejjes tikkonferma kemm kien għażiż għall-Maltin it-titlu ta' S anta Marija Assunta. Ġie li l-festa tissejjaħ *Santa Marija tax-xahar ta' Awissu.* Fin-Naxxar lill-Madonna kienu jqimuha anki taħt titli oħrajn. Minbarra l-festa titulari tal-parroċċa msemmija għat-*Twelid ta' Marija,* kien hemm ukoll zewġ knejjes imsemmijin għall-*Annunzjata* (11).

## *DOKUMENTAZZJONI*


1. BONNICI Alexander, "Il-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar: Mill-Viżta Appostolika ta' Mons. Dusina fl-1575", *Festa Marija Bambina - Naxxar,* 1997,pp.29-33.
2. IDEM, "Dun Ġiljan Borg: Kappillan tan-Naxxar f'Interrogatorju li sarlu minn Mons. Dusina fl-1575 waqt Viżta Appostolika", *Ibid.*,1998, pp.69-73.
3. Arkivju S.franġisk - Rabat, *Copia Visitationis Apostolicae Melitensis R.P.D. petri Dusinae factae 1575,* ff.74-75
4. BEZZINA Julian, "Għargħur: San Bartilmew" fi *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom,* PIN, I, 1993,p.156.
5. ASFR, *Dusina,* ff.76-77.
6. *Ibid.*,f.79.
7. Dwar dan il-każ fi żmien Dun giljan Borg, ara: BONNICI Alex., "In-Naxxar: l-Eqdem Parroċċa tal-Kampanja: Ġrajjiet Bikrin ta' Storja Soċjali" fi *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja,* pp.140-142.
8. ASFR, Dusina, f.82.
9. *Ibid.*
10. *Ibid.,* f.87.
11. *Ibid.,* ff.78,85.


P. Alexander Bonnici o.f.m.conv.